32007H0196

L 88/56 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 29.3.2007

# RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-28 ta' Marzu 2007

## dwar is-sorveljanza tal-preżenza ta' furan fil-prodotti ta' l-ikel

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2007/196/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari t-tieni inċiż ta' l-Artikolu 211 tiegħu,

Billi,

(1) F'Mejju ta' l-2004 l-*US Food and Drug Administration* (FDA) ippublikat ir-riżultati ta' stħarriġ li jirrigwarda l-preżenza ta' furan fi prodotti li jgħaddu minn trattament ta' sħana. Livelli ta' furan instagħbu f'varjetà ta' prodotti ta' l-ikel (p.eż. prodotti ta' l-ikel fil-bottijiet jew vażetti, ikel għat-trabi, kafe', sopop u zlazi, eċċ.)

(2) Il-Bord Xjentifiku dwar in-niġġiesa fil-Katina Alimentari ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà Alimentari (*European Food Safety Authority* – EFSA) ikkunsidra dawk ir-riżultati bħala kwistjoni urġenti u fassal rapport xjentifiku dwar furan fl-ikel fis-7 ta' Diċembru 2004.

(3) F'dan ir-rapport l-EFSA kkonkludiet li mid-*data* disponibbli bħalissa jidher li hemm differenza relattivament żgħira bejn espożizzjoni possibbli tal-bniedem u dożi f'annimali ta' sperimentazzjoni li jipproduċu effetti karċinoġeni u li valutazzjoni tar-riskju ta' min jorbot fuqha tkun teħtieġ aktar *data* kemm dwar it-tossiċità kif ukoll l-espożizzjoni.

(4) Jeħtieġ li tiġi ġġenerata *data* ta' min jorbot fuqha mal-Komunità Ewropea kollha dwar livelli ta' furan fil-prodotti ta' l-ikel bi trattament ta' sħana sabiex l-EFSA tkun tista' twettaq valutazzjoni tar-riskju ta' min jorbot fuqha. Għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-ġbir tad-*data* matul is-snin 2007 u 2008. Wara dan, il-ġbir tad-*data* għandu jissokta fuq bażi ta' rutina.

(5) Id-*data* għandha tinġabar fuq prodotti ta' l-ikel kummerċjali kif mixtrija mingħajr ma titqies it-tħejjija ta' wara (p.eż. it-trab tal-kafe', il-meraq tal-frott, vażetti u bottijiet mhux imsaħħna qabel il-konsum) u prodotti ta' l-ikel kummerċjali analizzati bħala kkunsmati wara aktar tħejjija, fil-laboratorju (p.eż. kafe' msajjar, prodotti fil-bottijiet u vażetti msaħħna qabel il-konsum). F'dan l-aħħar każ, it-tħejjija għandha tkun skond l-istruzzjonijiet fuq it-tabella, jekk ikunu disponibbli. L-ikel imħejji d-dar fuq il-bażi ta' ingredjenti friski (p.eż. soppa tal-ħaxix magħmula minn ħaxix frisk, *Irish stew* imsajjar id-dar) m'għandux ikun suġġett għal dan il-programm ta' sorveljanza peress li l-effetti tad-drawwiet ta' tisjir fid-dar fuq il-livelli ta' furan fil-prodotti ta' l-ikel jista' jsir stħarriġ aħjar dwarhom fi proġett ta' riċerka.

(6) Sabiex ikun żgurat li l-kampjuni huma rappreżentattivi tal-grupp ta' kampjuni, il-proċeduri ta' teħid ta' kampjuni stabbiliti fil-Parti B ta' l-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 333/2007 tat-28 ta' Marzu 2007 dwar il-metodi ta' teħid ta' kampjuni u l-analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-livelli ta' ċomb, kadmju, merkurju, landa inorganika, 3-MCPD u benzo(a)pyrene fil-prodotti ta' l-ikel [1] għandhom jiġu segwiti. L-analiżi ta' kampjuni għandha titwettaq skond il-punti 1 u 2 ta' l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar kontrolli uffiċjali biex tkun żgurata l-verifika ta' konformità mal-liġi dwar l-għalf u l-ikel, ir-regoli dwar is-saħħa u l-benessri ta' l-annimali [2].

[1] Ara paġna 29 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

[2] ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1, kif korreġuta bil-ĠU L 191, 28.5.2004, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

(7) Huwa importanti li r-riżultati analitiċi u tagħrif speċifiku addizzjonali meħtieġ għall-evalwazzjoni tar-riżultati jsir rapport dwarhom fuq bażi regolari lill-EFSA. Il-format tar-rapportaġġ għandu jitfassal mill-EFSA. Il-kompilazzjoni tad-*data* f'databajż se tiġi żgurata mill-EFSA.

B'DAN TIRRAKKOMANDA:

1. Li l-Istati Membri jwettqu matul is-snin 2007 u 2008 sorveljanza fuq il-preżenza ta’ furan fil-prodotti ta’ l-ikel li jkunu għaddew minn trattament ta’ sħana. Is-sorveljanza għandha tinkludi prodotti ta’ l-ikel kummerċjali kif mixtrija mingħajr ma titqies kull tħejjija oħra ([1]) u prodotti ta’ l-ikel kummerċjali analizzati bħala kkonsmati wara aktar tħejjija fil-laboratorju ([2]).

2. L-Istati Membri jipprovdu fuq bażi regolari lill-EFSA d-*data* ta’ sorveljanza bit-tagħrif u fil-format kif stabbilit mill-EFSA.

3. Li l-Istati Membri jimxu fuq il-proċeduri tat-teħid ta’ kampjuni kif stabbiliti fil-parti B ta’ l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 333/2007 sabiex jiżguraw li l-kampjuni huma rappreżentattivi tal-lott li tiegħu ttieħdu l-kampjuni. It-tħejjija tal-kampjun qabel l-analiżi għandha titwettaq bir-reqqa meħtieġa biex ikun żgurat li l-kontenut ta’ furan tal-kampjun ma jinbidilx.

4. Li l-Istati Membri jwettqu l-analiżi ta’ furan skond il-punti 1 u 2 ta’ l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 882/2004.

Magħmul fi Brussell, 28 ta’ Marzu 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) Prodotti ta’ l-ikel kummerċjali kif mixtrija mingħajr ma titqies kull preparazzjoni oħra: p.eż. trab tal-kafe’, meraq, vażetti u bottijiet mhux imsaħħna qabel il-konsum.

([2]) Prodotti ta’ l-ikel kummerċjali analizzati bħala kkunsmati wara aktar preparazzjoni fil-laboratorju: p.eż. kafe’ msajjar, prodotti fil-bott jew fil-vażett imsaħħna qabel il-konsum. Jekk ikun hemm istruzzjonijiet, il-preparazzjoni għandha timxi fuq l-istruzzjonijiet tat-tikketta. L-ikel ippreparat id-dar fuq bażi ta’ ingredjenti friski (p.eż. soppa tal-ħaxix b'ħaxix frisk, *Irish stew* magħmul id-dar) mhumiex suġġetti għal dan il-programm ta’ monitoraġġ.